għolja u xierfa li kienu darbu dik l-għodwa sabiħa tas-sajf kienu telqu mnejn kienu ġew u flokhom, minn xi radju fil-qrib bdiet ħierġa daqqa ta' ġmiel u serħan bla qies. Il-leħen melliesi tal-kordi kien hekk ħlejju li bħal tilifni u stħajjiltni qiegħed ninqata' mill-art u ntir fuq ġwinħajn il-għana lejn art is-sliem dejjiemi. Imsaħħar kif kont b'dik is-sbuħija ta' mużika ma stajtx, fil-qalba ta' qalbi, ma nammisena minn twelidha għadha tferraħ u tgħaxxaq lil kull min għandu widnejn biex jisma'. L-anqas ma stajt ninsa lil dawk il-ġenji l-oħra li ġew wara u li ħadmu u stinkaw u sahru biex joħolqu u jipperfezzjonaw dak l-istrument żgħir ta' l-għaġeb li minn tant bogħod, kien qed iwassalli, ċar daqs il-kristall dik il-melodija li ż-żmien ma rnexxilux inessi jew itemm.

Moħħi kien issa aktar kalm u stajt nistqarr miegħi nnifsi li l-bniedem mhux jeqred biss jaf. Tabilħaqq il-Bniedem Bennej ħallielna wirja tal-ħila tiegħu sa mill-ibgħad żminijiet: imqades ta' ħaġar bla qies, piramidi ġgantin, tempji maestużi u knejjes glorjużi, palazzi li jsaħħru bi ġmielhom, swar għoljin qawwija, torrijiet u fortizzi setgħana, pontijiet li joforqu xmajjar u dagħbien, bini li jħokk mas-sema, toroq ma jispiċċaw qatt, firxa immensa ta' bliet... Kull fejn rifset iċ-ċiviltà ma ħallietx ħlief xhieda tas-sengħa u l-ġenju tal-bniedem, għaliex moħħ il-bniedem — li fih jilma l-Ħallieq u sawru xbiha tiegħu mit-tajn ta' l-art — ma għandux serħan. dejjem ifittex, dejjem irid isib, dejjem irid joħloq, dejjem irid jirbaħ. U rebaħ il-bniedem: ibħra u deżerti u muntanji; rebaħ id-distanzi — il-għoli u t-tul u l-wisa' u l-fond. Rebaħ il-vojt ta' l-ispazju u rifes fejn qatt ma emmen, għalkemm ħolom, li seta' jirfes. U għad jirbaħ iżjed għax l-għatx li għandu hu klubi u ma jinqata' b'xejn.

Tgħid għad jasal xi darba biex jirbaħ u jaħkem il-ġibdiet qerrieda li għandu midfuna ġo qalbu u li f'waqt wieħed, f'mument ta' għira, ta' għadab, ta' qilla, ta' ġenn jbidluh minn ħallieq u bennej għal wieħed qerriedi li jġarraf u jaħraq u joqtol?

* * * *

# Kont Tifel Seklu Ilu

Għax jien kont diġa' tifel seklu ilu
w għaddejt mill-mogħdijiet fejn riġli ħafi
għallimni l-forom strambi ta' kull ġebla
u daħħal bejn subgħajja l-għabra antika.
Fejn kont biex dak in-nhar li terraqt jiena
ma rfistx int miegħi ħafja fuq il-ġebel
u fuq it-trab li llum għadu jagħrafni?
Fejn kont meta daqqejt in-noti mkarkra
u ktibt imnebbah biex ngħannih quddiemek
l-innu superstizzjuż ta' l-eżistenza?

Kont tifel seklu ilu nħares waħdi
lejn l-uċuħ ġodda, u lkoll ħallewni nħażżeż,
bil-faħma ħoxna li sewditli idi,
is-snug u ċ-ċrieki tiegħi fuq ħaddejhom
biex malli tasal inti tifhem kollox.
Fejn kont meta ħażżiżt bil-faħma ħoxna
u ridtek ħdejja biex inpinġi wiċċek,
warda li bdiet tiħmar minn seklu ilu?

**OLIVER FRIGGIERI.**

**1974**

* * * *

# Minn Fuq L-Irdum

Min fuq l-irdum
smajt il-karba tal-baħar taħti
smajt il-għajta ta' gawwi
li smajt l-istess
elf sena ilu;
ħassejt ħaxix ix-xagħri
jagħraxli qiegħ riġlejja.
u n-nifs ta' nagħġa mqanfda
bħal żiffa sħuna
jitlajja ftit u jilgħab ħdejja.
Ġo sider l-art
xammejt elf fwieħa mżewqa,
u ħassejt dirgħajn sħan iħaddnuni
u f'nagħsa jbennuni.